MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1949/2005

Borg Transportation Limited (C9485).

Vs

Joseph Spiteri (Id. 682562M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' elf u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,031.66) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha w kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici, u nonostante li gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mid-dati tal-fatturi mhux imhallsa u indikati fuq il-prospett Dok. BT1 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma l-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) illi jispetta lis-socjeta' attrici tipprova li fil-fatt l-prodotti mibjugha gew konsenjati lill-konvenut; (iii) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggetti mibjugha ma gewx konsenjati lill-konvenut izda lill terzi u fejn gew konsenjati lilu kien qed jagixxi ghan-nom ta' terzi, fatt maghruf mis-socjeta' attrici; (iv) illi l-ammont pretiz huwa eccessiv u ingustifikat. Salvi eccezzjonijeit ulterjuri. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra r-rikors tal-konvenut tat-30 ta' Mejju 2008, fejn talab li tigi kjamata in kawza s-socjeta' Polidano Brothers Limited.

Ra d-Digriet tieghu tal-25 ta' Awissu 2008 fejn laqa t-talba kif kontenuta fir-rikors tat-30 ta' Mejju 2008.

Ra l-kapitolu li gie ipprezentat mis-socjeta' attrici kontra s-socjeta' kjamata in kawza Polidano Brothers Limited.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Joseph Spiteri.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-kjamata in kawza Polidano Brothers Limited giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal. Lanqas ma deheret sabiex tirrispondi ghall-kapitolu li gie ipprezentat mis-socjeta' attrici ghas-subizzjoni taghha, u ghalhekk tali kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

It-Tribunal josserva illi alavolja s-socjeta’ attrici ma pproduciet l-ebda xhud sabiex jikkonferma bil-gurament tieghu dak illi qed jintalab fl-Avviz minnha pprezentat, xorta wahda, mix-xhieda moghtija mill-konvenut Joseph Spiteri jirrizulta illi l-bejgh u l-konsenji tal-prodotti msemmija mis-socjeta’ attrici effettivament saru lill-konvenut, tant hu hekk illi fl-ebda stadju tax-xhieda tieghu ma hemm xi kontestazzjoni dwar dan.

Il-konvenut xehed illi huwa kien impjegat tas-socjeta’ kjamata in kawza Polidano Brothers Limited u li kien jahdem f’wahda mill-barrieri ta’ l-istess socjeta. Huwa kkonferma li kien jaccetta l-konsenji tal-prodott minghand is-socjeta’ attrici u kien anki jiffirma ghal tali konsenji u anki jhallas ghalihom. Milli jidher ghall-ewwel is-socjeta’ kjamata in kawza kienet thallas lill-konvenut ghal tali konsenji izda wara ftit ma baqghetx thallsu, izda huwa xorta wahda baqa jordna l-prodotti minghand is-socjeta’ attrici. Ghalhekk it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghux jigu milqugha.

It-Tribunal josserva li fir-rigward tar-raba eccezzjoni tieghu, l-konvenut fl-ebda stadju tad-depozizzjoni tieghu ma kkontesta l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici u ma gab l-ebda prova kwalsiasi sabiex b’xi mod isosnti l-eccezzjoni tieghu illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa ingustifikat jew eccessiv.

Illi oltre dan, il-konvenut ma pproduca l-ebda prova kwalsiasi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata minnu stess, u lanqas ma sar xi accenn ghal dan fix-xhieda tieghu.

Minn-naha taghha s-socjeta’ attrici tikkontendi illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-konvenut hija inkompatibbli mar-raba eccezzjoni moghtija mill-konvenut, u cioe li l-ammont pretiz huwa eccessiv.

Illi t-Tribunal jaqbel mat-tezi tas-socjeta’ attrici f’dan is-sens u josserva illi l-konvenut fil-fatt qatt ma cahad id-dejn imsemmi mis-socjeta’ attrici, la fl-eccezzjonijiet tieghu u lanqas fix-xhieda tieghu. Fir-raba eccezzjoni tieghu huwa

qieghed jikkontesta l-quantum ta’ l-ammont dovut. Issa kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija minnha fil-5 ta’ Ottubru 1998, fil-kawza fl-ismijiet ‘Victor Calleja nomine vs Nazzareno Vassallo et nomine’: ‘*fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta’ l-ammont dovut, allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri.*’ Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut qed tigi rigettata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut Joseph Spiteri u s-socjeta’ konvenuta Polidano Borthers Limited sabiex solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, erba mija u tlett Ewro u tnax-il centezmu (€2,403.12), ekwivalenti ghal Lm1,031.66, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------